**REGJUN XLOKK**

VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# Minuti tal-Laqgha Nru. 68 / 2015

Il-Laqgha Nru 68/2015 tat-tieni Amministrazzjoni saret nhar il-gimgha, 29 ta' Jannar 2016 fis-6.30pm fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

Data u hin

**Prezenti ghal-laqgha :**

Attendenza

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, , Sindku Tarxien |
| Is-Sur Joseph Attard | V/President, Sindku Zejtun |
| Is-Sur Lawrence Attard | Kunsillier Birgu |
| Is-Sur Vincent Borg | Kunsillier Floriana |
| Is-Sra Speranza Chircop | Sindku Kalkara |
| Is-Sur Horace Gauci | Sindku Marsalokk |
| Is-Sur Dominic Grima | Sindku Paola |
| Is-Sinj. Joan Mangion | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati:**

Sindku Marsa
Sindku Xghajra

**Assenti :**

Sindku Valletta
Sindku Isla
Sindku Zabbar
Sindku Fgura
Sindku Marsascala

Il- President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha.

1. **<u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

Qari u approvazzjoni tal-Minuti

i.i Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Nru.67 mizmuma fl-29 ta' Jannar 2016 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

i.ii Il-Kumitat approva l-Minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 2. Komunikazzjoni mis-Sindku

**2.1 Haddiema taht l-iskema tal-RSSL** Haddiema taht l-iskema tal-RSSL

i.i Il-President spjega li zewgt haddiema tal-RSSL kienu gew assenjati mar-Regjun fl-ewwel gimgha ta' Jannar. Huma kienu qed jigu assenjati mal-kunsilli li jaghmlu talba ghalihom ghal-perjodu ta' gimghatejn fuq sistema ta' first come first served basis. Huwa kompla li sa dak in-nhar kienu ghamlu xogholijiet mal-Kunsilli ta' Hal-Tarxien u tal-Marsa u il-feekback tas-Sindku tal-lokalita' tal-Marsa is-Sur Francis Debono kien wiehed posittiv. Is-Sur Joseph Attard, Vivi President u Sindku taz-Zejtun staqsa meta dawn kienu se jinbaghtu fil-lokalita' tieghu. Il-President wiegeb li dawn kienu gew assenjati mieghu ghal perjodu bejn id-29 ta' Frar u 12 ta' Marzu u wara kienu se jkunu qeghdin jaghmlu xoghol fil-kunsilli ta' Marsaxlokk u il-Kalkara. Matul Frar kienu gew assenjati mal-Kunsilli tal-Furjana u il-Birgu.

i.ii Is-Sur Lawrence Attard, kunsillier fil-lokalita' tal-Birgu, saqsa jekk ikunx possibli li dawn il-haddiema jigi assenjati mal-kunsilli fil-gimghat li fihom ikunu qed itellaw attvitajiet fil-lokalita. Il-President wiegeb li sa fejn hu possibli u jekk ir-Regjun jircievi talba formali qabel ma il-haddiema ikunu gew assenjati fl-lokalitajiet ohra, din it-talba kienet se tintlaqgha.

**2.2 Riforma tal-LESA** Riforma tal-LESA

i.i Il-President spjega li wara l-ilmenti tas-Sindki waqt il-laqgha precedenti dwar il-kwantita u il-kwalita tal-kontravenzjonijet mahruga mil-LESA, ir-Regjun kien kiteb lid-Direttur tal-Operations, is-Sra Elizabeth Vassallo. Is-Sra Vassallo wiegbet lura u talbet li fejn ikun hemm xi ċitazzjonijiet illi s-sindki tar-Reġjun Xlokk jaħsbu illi qed jinħarġu inġustament jgħaddulha l-ilment tagħhom tat-tali kontravvenzjonijiet fuq l-email tal–customer care lesa.mjcl@gov.mt u assigurathom li hi kienet se tinvestiga kull każ fid-dettal u tinfurmahom bl-eżitu.

**2.3 Retention Money li jinzamm mil-MEPA meta jinhargu permessi ghal-zvilupp** Retention money mizmuma mill-MEPA

i.i Wara id-diskussjoni fl-ahhar laqgha dwar il-hsarat li jsuru fuq bankini u toroq meta ikun qed isiru alterazzjonijiet u bini gdid, ir-Regjun kiteb lil-MEPA biex jivverifika jekk il-procedura li bhala parti mill-hlas tal-permess, il-MEPA kienet tiehu depositu bhala garanzija ghal xi hsarat u kienet tintalab l-approvazzjoni tal-kunsilli biex dan id-depositu jigi rilaxxat kienitx ghadha qed tithaddem. Billi il-Regjun kien ghadu qed jistenna risposta' it-talba kienet ser tintbaghat direttament lil-kap ezekuttiv.

**2.4 Talba lid-DLG biex jinzamm depositu bhala garanzija meta jinhargu permesssi** Depositi biex jaghmlu tajjeb ghal-hsarat

i.i Kienet inbaghtet ittra wkoll lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn intalab li tigi amendata il-ligi biex il-Kunsilli ikunu jistghu izommu depostiu

adekwat biex jaghmel tajjeb ghal hsarat li jistghu isiru lit-toroq u il-bankini meta jinhargu permessi ghal-skips, jew gheluq ta' toroq biex jintrema makkinarju bhal cranes, jew jingiebu ready mix jew trakkijiet kif wkoll ghal hsarat u spejjez ghal gbir ta' skart meta jinhargu permessi biex jittellghu attivitajiet fil-lokalita' jew biex jintremghu gabbani waqt dawn l-attivitajiet. Id-Direttur kien wiegeb li kien se jkun qed jiddiskuti din tit-talba waqt il-management meeting tad-dipartiment.

2.5 **Ko-Ordinatur Kulturali** — Ko-ordinatur kulturali

i.i Il-President ta' update tax-xogholjiet li kienu qed isiru mill-kordinatur tar-Regjun kif gej:

- Il-V18 kienet qed tahdem biex itella proġett imsejjah L-Ikla t-Tajba fejn kienu qegħdin jippruvaw li fl-2018 f'ġurnata minnhom, Malta tkun qegħda tiekol kollha f'daqqa ġol-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex.
- IL-karnival tas-Sajf din is-sena kien se jkun qed jitella fl-istess perjodu tas-snin mghoddija u wara li jispiċċa minn ġo Buġibba se jkun qed jittella fl-lokalita fir-reġjun tax- Xlokk wara l-festi ta' Santa Marija.
- Fit- 30 ta' Marzu, fil-festa ta' San Girgor se jkun qed jigi installat pinnur kbir ġewwa Marsaxlokk fuq proġett tal-Valletta 2018 u il- kumpanija Rubberbodies.
- Komplew il-preparamenti ghal-proġġett Pageant of the Seas u kienu qed isiru laqghat mal-kunsilli lokali. Fil-laqghat gie deciz li jsir filming waqt il-kostruzzjoni tal-bċejeċ tal-baħar biex jintuża għall- promozzjoni.
- Il-kunsill Lokali tal-Kalkara jidher li hu interessat li jilqa fil-lokalita il-proġġet Naqsam il-MUŻA. Dan il-progett kien ga gie mttella fil-Belt Valletta u bhal issa kien qieghed jigi esibit fil-Marsa. Kienu għaddejjin taħdidiet biex wara l-Marsa l-proġett immur ġol-lokalita ta' Marsaskala.
- Qed isiru arrangementi wkol biex titella attivita msejha "VBRO NUOVA", fejn kantanti u korijiet, lokali u barannin jirrekordjaw biċċa mużika u fl-2018 jiġu proġettati fuq bini ġewwa il-Belt Valletta. Il-President talab lill-dawk prezenti biex jinfumaw lill-korijiet fil-lokalitajiet taghhom b'din l-attivita.

2.6 **Projett SCOW** — Progett SCOW

i.i Il-President qal li kien gabar l-erba composters li kien intitolat ghalihom ir-Regjun. Huwa talab lis-Sindku ta' Marsaxlokk, is-Sur Horace Gauci biex jigbor il-composter kien kien se jinghata lin-Nature Trust biex jitqieged Xrobb l-Ghagin.

**2.7** **Progetti tal-EU**

Progetti tal-EU

i.i URBACT SUMP

Ir-President spjega li dan il-progett issa kien beda u kien gie involut wkoll il-Perit David Pace, Commisioner tal-Ambjent u l-Ippjanar fl-Officcju tal-Ombudsman. Fi Frar kien wkoll se jkun qed jigi Malta l-espert tal-Lead Partner fil-progett.

i.ii League of Historic Cities

Il-President spjega li l-applikazzjoni tar-Regjun biex jissieheb fil-League of Historic Cities kienet giet accettata. Il-Membership fee kienet ta' 100 dollaru mit-tieni sena l-hemm.

**2.8** **Alokazzjoni ta' fondi lir-regjuni ghal-attivitajiet kulturali fir-Regjun**

Fondi ghal-reklamar ta' attivitajiet kulturali fir-Regjun

i.i Il-President spjega li fil-budget kienet giet allokata is-somma ta 10,000 euro lill-kull regjun biex biex issir kampanja ta' gharfien ghal-attivitajiet kulturali fi hdan ir-Regjun. Il-Regjun kien baghat talba lid-Dipartiment fil-bidu ta' Jannar bien jinghatawlu dawn il-fondi u billi verbalment kien inghata risposta li id-dipartiment ma kienx konxju minn din l-allokazzjoni, Il-President kien avvicina lill-Sur Cohen, konsulent tal-Onorevoli Segretarju Parlamentari biex jivverifika li din is-somma kif imhabbra fil-budget speech kienet verament giet allokata ghal dan il-ghan. Is-Sur Cohen ikkonferma li dan l-ammont kien se jkun qed jigi mghoddi lir-Regjun. Ghalhekk ir-regjun kien hejja pjan li ifittex li iqieghed lil-Regjun u lill Kunsilli fi hdanu fuq il-kalendarju kulturali tal-pajjiz u izid l-gharfien tal-wirt storiku u kulturali vast fi hdan ir-Regjun. Dan il-pjan kien se jkun qed jintbghat lis-Segretarju Parlamentari. Ir-Regjun kien se jkun qed jistenna l-esitu tal-applikazzjonijiet ghal-ghajnuna li il-Kunsilli issottomettew lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali taht Memo 30 biex jigi ikkonfermat dawk l-attivitjaiet li kienu se jkunu qed jittellaw.

i.ii Is-Sur Vincent Borg, vici sindku fil-Furjana, kif wkoll is-Sur Lawrence Attard, kunsillier il-Birgu, staqsew jekk dawn il-fondi kienux se jitqassmu lill-Kunsilli. Il-President wiegeb fin-negattiv u spjega li dawn il-flus kienu se jintnefqu mir-Regjun f'kampanja konsolidata li tkopri lill-kunsilli kollha.

**2.9** **Kawza fil-Qorti ma' Sterling Security Services**

Kawza ma Sterling Security Services

i.i l-Sur Farrugia informa li flimkien mas-Segrjetarju Ezekuttiv kien attenda ghat-tieni seduta ta' din il-kawza fejn kien xehed is-Sur Joe Borg, il-contracts manager ta' Sterling Security. Is-seduta kienet giet aggornata ghall-10 ta' Marzju fejn is-sur Farrugia kien se jkun qed jaghti ix-xhieda tieghu.

**2.10** **Rikonciljazzjoni tal-kontijiet bankarji tar-Regjun**

Rikonciljazzjoni tal-kontijiet bankarji tar-Regjun

i.i Il-President qal li ir-Regjun kien qed isib diffikulta li jirroncilja id-depositi maghmula mill-kunsilli ghal hlas ta' kontravenzjonijiet meta dan il-hlas ikun sar b'cekk minhabba nuqqas ta' dettalji fuq id-deposit slip. Hu kompla li wara diversi laqghat mal-Bank of Valletta kif wkoll mad-Satatrack u d-DLG instabet soluzzjoni fejn fuq id-deposit slip il-kunsilli ser jibdew inizzlu l-isem tal-kunsill, id-deposit bag number kif

wkoll l-ammont f'cekkijiet tal-Bov u dak ta' banek oħra. Id-Department tal-Gvern Lokali kien ħareg cirkulari b'dawn l-isitruzzjonijiet.

**2.11 EM Citizen Community Project 2016** EM Citizen Project 2016

i.i Il-President ghamel riferenza ghall-emajl li inbaghtet mit-TCTC fejn ghamlu proposta li jigu organizzati courses fi hdan il-kunsilli fir-Regjun. Dan huwa progett innovattiv li jkun qed jaghti training fuq Mobile u Tablet smart apps. Dan il-course jibni fuq taghlim li ga inghata bhala parti mill-course LEARNIT orgnizzat fil-kunsilli. Il-kumpanija kienet qed tipproponi li kull kunsill ihallas 300 euro waqt li ir-Regjun ihallas 500 euro.

i.ii Il-Vici President, u Sindku taz-Zejtun, is-Sur Joseph Attard, qal li fil-waqt li hu jaqbel li ghandu jigi organizzat tahrig ta' din in-natura, ihoss li ghandha tinhareg tender mir-Regjun.

i.iii Is-Sur Lawrence Attard, kunsillier fil-lokalita tal-Birgu qal li hu ma jaqbilx ma dawn l-inizjattivi ghaliex apparti il-flus mahruga mill-kunsill, il-partecipanti jigi mitluba ihallsu ghan-noti u ghal-pendive. Zid wkoll li meta in-numru ta' participanti ikun baxx u ghalhekk l-ispiza ghal-kunsill tinqasam fuq numru zghir ta' partecipanti, ma jkunx hemm valur ghal flus minfuqa. Kompla wkoll li hu kien attenda wiehed minn dawn il-korsijiet u fit-tmiem tieghu gie mistieden li jaghmel l-ECDL ghal misata ta' 195 euros. Hu ippropona li il-kunsilli jinghaqdu flimkien u jorganizzaw it-tahrig f'lokalita wahdu u jaqmu is-somma ta' 300 euro bejniethom. Is-Sur Horace Gauci, Sindku ta' Marsaxlokk qal li hu jaqbel li kull kunsill jitratta mat-TCTC b'mod individwali.

i.iv Il-President qal li hu kien ircieva emejl mill-kunslli tax-Xaghra u ta' Marsascala li riedu jissiebhu f'dan il-progett u kompla li hu bhala Sindku ta' Hal-Tarxien kien se jippartecipa wkoll. Is-Sindki ta' Bormla, Is-Sra Alison Zerafa kuf wkoll is-Sindku tal-Kalkara, is-Sra Speranza Chircop ikkonfermaw il-partecipazzjoni taghhom f'dan il-progett.

**2.11 Hlas ta 10% administrative fee lil-Kunsilli** 10% Administrative Fee

i.i Il-President qal li minn numru ta' statements li ir-Regjun ircieva jidher li taghna kien l-uniku regjun li kien ihallas il-commision b'mod regolari u l-uniku wiehed li kien up to date fil-pagamenti.

**2.12 Tribunal fiz-Zejtun** Tribunal fiz-Zejtun

i.i Il-President qal li kienet kelmitu is-Sra Lina Scorfna, Registratur fit-Tribunal, li membri tal-kunsill kienu qed jidhu mill-bieb tal-gemb li jinfed mal-ufficini u kienet inkwetata minhabba li dokumenti tat-tribunal. Il-Vici President, Sindku taz-Zejtun, qal li ic-cwievet kienu ikunu imsakkrin fil-kunsill u kienu jintuzaw biss meta kienu ikunu iridu jidhlu minhabba emergenza wara il-hin. Hu qal li kien se jkun qed jaghmel meeting mar-Registratur.

i.ii Il-President talab lill Vici President biex jitnehhew il-cameras li hemm imwahhlin fuq il-binja tat-tribunal ghaliex avvolja dawn ma kienux jahdmu, l-istaff tat-tribunal kien ikollhom jitilghu jixdhu il-qorti kull meta kien jinqalgha xi haga fil-gnien.

i.iii Il-Vici Sindku tal-Furjana saqsa jekk it-tribunal keinx jaqgha taht ir-Regjun jew inkella taht il-LESA. Il-President spjega li waqt it-tribunali baqghu jaqghu taht ir-regjuni; l-ispejjez kollha ghal-xiri u servizzi moghtija lit-tribunal sal-31 ta Dicembru kienu responsabbilita tar-Regjun u iridu jithallsu mill-fodni tar-Regjun. Ir-responabbilita' biex il-kontijiet ghal-xiri u servizzi moghtija mill-1 ta' Jannar 2016 il-quddiem jigi certifkati korretti u approvati se tibqa' taqa' fuq ir-Regjun u l-Ezekuttiv tar-Regjun u wara li dawn jigi imhallsa mir-Regjun jintbaghtu ghal-rifuzjoni lill-LESA.

## 2.13 Kontijiet tad-dawl u l-ilma tat-Tribunal

Kontijiet tad-dawl u ilma tat-Tribunal

i.i Il-Vici President u sindku taz-Zejtun, is-Sur Joseph Attard staqsa meta kienu se jithalsu il-kontijiet tad-dawl u l-ilma li kien ipprezenta lir-Regjun f'Novembru, 2015. Il-President spjega li il-kontijiet ipprezentati lir-Regjun ghal perjodu ta' 24 xhar kienu jammontaw ghal 10,761.34 euro. Difiz fuq granet tax-xoghol dan jammonta ghal medja ta 21.44 euro kuljum. Dan l-ammont kien esagerat meta tqis li l-ufficini tar-Regjun kien ihallas inqas minn medja euro ta' 2.73 euros kuljum. Kemm fit-Tribunal kif wkoll fl-ufficji tar-Regjun kien hemm zewgt airconditioners, bl-istess numru ta' computers, u fiz-zewgt postijiet kien hemm fridge zghira u kitla tal-elettriku. Fir-Regjun kien hemm microwave u toaster li ma kienx hemm it-Tribunal. Il-President kompla li il-meter tad-dawl u l-ilma apparti li kienu ikopru l-awla u iz-zewgt ufficini uzati mit-tribunal kienu jissuplixxi wkoll dawl u ilma lil-gabbana ta' l-ikel fil-gnien, it-toilets publici kif wkoll iz-zewgt ikmamar uzati mill-kunsill taz-Zejtun. L-ittra bi credit note li kien ighadda il-kunsill lir-regjun fil-bidu tas-sena ma kienitx fiha spjega ta kif inhadem dan il-credit u titqies bhala baxxa wisq meta madwar nofs minn dan l-ammont kien ikopri id-differenza bejn il-kiri ta' meter 3 phase u dak single phase. Il-President saqsa lill-Vici President jekk is-submeters kienux jimmarkaw jew le u jekk humiex rikonoxxuti mill-Enemalta u il-MEPA u jekk il-gabbana kelliex compliance certficate mill-MEPA ghax f'dak il-kaz il-kunsill seta japplika ghal meter gdid ghal gabbana u iehor ghal latrini pubblici. Il-Vici president qal li hu ma kienx kuntrarju li jkun hemm meters separati ghal-kmarar uzati mit-tribunal, dawk uzati mill-kunsill, il-latrini pubblici u il-gabbana. Il-President qal li hu kien lest li jirrifondi ammont ekwivalenti ghal dak li ihallas ghal-ufficini tar-regjun ghax ihoss li dak l-ammont hu kumpens gust u ma jhoss li ir-Regjun ghandu ikun mghobbi bi spejjez li ma humiex tieghu u li il-kunsill kellu jassorbni il-parti tal-latrini pubblici u tal-parti tal-binja tat-tribunal uzata mill kunsill u jghaddi il-konsum tal-gabbaba lill min kien qed joperha. Hu zied li kien jippretendi li meta il-gabbaba kellha freezers, fridges u fryers il-qsim tal-kontijiet fejn il-gabbaba, flimkien mal-kmamar uzati mill-kunsill u il-latrini pubblici jikkonsmaw b'madwar 500 euro f'dawl u ilma u il-tlett ufficini tat-tribunal zgur ma jilkkonsmawx b'izjed minn 9,000 euro.Kien impossibli li bejn nofs il-lejl u it-8.00 ta' fil-ghodu meta il-Tribunal ikun maghluq u apparti fridge zghira kollox ikun mitfi, l-arlogg jimmarka konsum ta' izjed minn 7 units. Is-Sur Joseph Attard qal li biex tinstab soluzzjoni kellhom iqabbdu lill xi hadd li jaghti stima tal-konsum tat-Tribunal. Il-President qal li din il-persuna ghandha tkun ufficjal tekniku tal-Enemalta li jghddi il-kalkoli tieghu bil-miktub lir-Regjun.

i.ii Is-sindku ta' Bormla, is-Sra Alison Zerafa saqsiet jekk il-Kunsill kienx kopert mill-kuntratt tad-devolution u minn bylaw biex jinkera u tingabar il-kera tat-tribunal u il-gabbaba.

i.iii Il-President rega fakkar li ir-Regjun u l-Ezekuttiv kienu responsabbli ghac-certifikazzjoni u l-approvazzjoni tal-kontijiet kemm dawk li riedu jithallsu mir-Regjun kif wkoll dawk li taghhom kienet se tintalab rifuzjoni lill-LESA. Hu sostna li jekk il-kunsill taz-Zejtun ma kienx lest li jaccetta rifuzjoni ekwivalenti ghal l-ammont li ihallas ir-Regjun ghad-dawl u l-ilma kellu jghaddi wiring separat ghall-ufficini tat-Tribunal u japplika biex jigu installati meters separti.

i.iv Is-Sur Lawrence Attard, kunsillier il-Birgu qal li fil-kazin tal-Birgu kellhom l-istess problema bil-bar u sabu soluzzjoni billi firdu il-wiring tal-kazin minn dak tal-bar u ghamlu sub-meter.

i.v Kemm is-Sindku ta' Marsaxlokk, dik tal-Kalkara, il-Vici Sindku tal-Floriana u il-Kunsillier tal-Birgu sostnew li ghandhom ikun hemm meters separati biex ikun cert li il-fondi tar-Regjun ma jkunux qed jigi uzati biex jaghmlu tajjeb ghal-konsum minn terzi u li meta l-Ezekkuttiv ikun qed japprova pagemanti biex imbaghad jigu rifuzi mill-LESA dawn ikunu korretti u la ikun qed jigi sgwidat l-Ezekuttiv u lanqas il-LESA.

3. **Skeda ta pagamenti** — Skeda ta' Pagamenti

L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata u giet iffimata wkoll minn zewg membri tal-Kumitat.

4. **Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament** — Gheluq u aggornament tal-laqgha Aggornament

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30pm u giet aggornata ghas-17 ta' Frar, 2016 fis-6.30.

| | |
|---|---|
| **Chev. Paul Farrugia** | **Joan Mangion** |
| **President** | **Segretarju Ezekuttiv** |

Minuti approvati illum ______________________________